## AĦBARIJIET

– L-aħħar laqgħa tal-Girgenti saret fit-3 ta' Ġunju, 1990.

– Għall-ħabta ta' nofs il-laqgħa kien hemm kant u ċapċip kif il-folla lemħet sinjali fix-xemx; u, qalb sħab sabiħ mifrux qisu mantell ma' sema kaħlani intlemħet forma ta' statwa bajda maqtugħa mis-sħab l-iehor, li damet għal xi ħin sakemm għebet qalb is-sħab ta' madwarha. Dawn il-fenomeni ġew reġistrati fuq video recorder dak il-ħin stess, minn membru tal-Kumitat.

– Din id-darba kellna fostna, minbarra persuni li għandhom rol importanti fis-soċjetà Maltija, bniedem ta' fama internazzjonali li, għalkemm mhuwiex kattoliku qed jieħu interess kbir fil-ġrajjiet tal-Girgenti. Dan il-bniedem mill-Ġermanja, żar postijiet oħra ta' dehriet Marjani u kiteb kotba fuqhom.

– Monsinjur Buontempo qalilna li l-bandalora tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni ġiet imbierka mill-Papa fl-Imġarr, Għawdex, meta xi *helpers* ħaduha hemmhekk biex jaraha il-Papa.

– Persuna għamlet donazzjoni ta' Lm10 bħala ħajr lill-Madonna talli għenitha f'mument diffiċli.

– Persuna oħra offriet l-ewwel pagament tagħha għax qalgħet il-grazzja li talbet lill-Madonna.

– Persuna li ffirmat M.E. bagħatet kontribuzzjoni ta' Lm50 għall-bini tas-Santwarju bħala ringrazzjament għal grazzja li qalgħet mingħand il-Madonna. (12 ta' Ġunju 1990).

– G. Borg, minn Birkirkara, ikkontribwiet Lm2 b'ħajr lill-Madonna għall-għajnuna li tatha, fil-5 ta' Mejju 1990.

– Żewġ aħwa nisa li ma jixtiqux ikunu magħrufin marru jżuru lil Ġuża Mifsud id-dar tagħha, ippreżentawlha somma ta' Lm500 u ħallewlha dan il-messaġġ (bil-miktub):

"Aħna nixtiqulek suċċess fil-missjoni qaddisa li ġiet fdata lilek għall-ġid spiritwali ta' Malta u tad-dinja kollha". Il-flus ingħataw għall-bini tas-Santwarju tal-Konsagrazzjoni, il-Girgenti. (27 ta' Ġunju 1990)

---

Bħala **SUPPLIMENT** ta' dan il-fuljett qed ninkludu **FORMOLA** biex wieħed ikun jista' jsir **TESSERAT** fil-Muviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Jekk int tesserat, għaddi din il-formola lil ħaddieħor. Imliha u ibgħatha lill-Editur jew lis-Segretarja.

**TRASPORT GĦALL-GIRGENTI**

Għal min ma jafx, Private Buses u Mini Buses jiġu organizzati minn ħafna bliet u rħula għall-Girgenti. Jekk issibu xi diffikultà biex tmorru għal-laqgħat ta' talb informaw ruħkom jekk hemmx trasport mill-belt jew raħal tagħkom.

Mill-pjazza tas-Siġġiewi hemm dejjem bus li titlaq għall-Girgenti, tliet kwarti qabel il-ħin tal-laqgħa.

**MILL-ITTRI TAGĦKOM...**

– Ħafna kitbulna biex jirċievu dan il-fuljett id-dar tagħhom. Aħna lesti li naċċettaw abbonati. Jekk tridu tirċievu aktar minn kopja waħda avżawna. Il-fuljett jitqassmu b'xejn; iżda aħna naċċetaw kull donazzjoni għall-ispejjeż ta' dan il-fuljett. Il-kontribuzzjonijiet għall-fuljett (u mhux dawk għall-bini tas-santwarju), kif ukoll kull korrispondenza li għandha x'taqsam mal-fuljett, għandhom jiġu indirizzati:

L-Editur,<br>
"Leħen il-Girgenti"<br>
c/o 16,Triq San Ġakbu,<br>
Siġġiewi.

– Forsi xi uħud isibuha bi tqila biex jiktbu wara li jkunu qalgħu xi grazzja, anke jekk tkun importanti. Jekk dan hu l-każ tagħkom avżaw xi membru tal-kumitat jew iktbu kelmtejn lill-Editur u niġu aħna stess nagħmlu r-rapport. Ħallulna l-isem u n-numru tat-telefon tagħkom.

---

*ikompli - Ma nizolawx il-Girgenti – 2*

Konsagrazzjoni, li jixbhu f'kollox lil dawk li nagħtaw f'dehriet oħra approvati mill-Knisja.

Jalla saċerdoti ta' bona volonta u dedikati, jieħdu nteress fil-Moviment tal-Girgenti u jgħinu, biex, bil-ħidma pastorali tagħhom mal-mijiet kbar li jattendu kull xahar għal-laqgħa ta' talb, ix-xewqat tal-Madonna jitwettqu u jkompli jsir il-ġid.

Jalla jippermettulna nisimgħu il-quddies waqt dawn il-laqgħat, bħala parti mit-talb li nistgħu nagħmlu, bħal ma jsir f'pajjiżi oħra, fejn id-dehriet għadhom ma ġewx approvati mill-Knisja.

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press, Żabbar

Awissu 1990



# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

AWISSU 1990 No. 3 JITQASSAM BLA ĦLAS



## IT-TIENI ANNIVERSARJU TAL-FENOMENI TAX-XEMX

Fit-tieni fuljett semmejna li fit-8 ta' Ġunju 1988, il-folla preżenti għal-laqgħa ta' talb, rat fenomeni straordinarji fix-xemx.

Minn dakinhar għaddew sentejn; imma dak li ġara mhu se jintesa qatt. Dan ma kienx xi fenomenu naturali minn dawk li jiġru kultant imħabba l-kundizzjonijiet tat-temp jew tal-atmosfera. Naraw daqsxejn x'ġara.

**Fid-dar ta' Ġuża:**

It-2 ta' Ġunju 1988, il-Ħamis kienet il-festa ta' Corpus Christi (li issa aħna niċċelebraw il-Ħadd ta' wara). Dakinhar, Ġuża kienet qed tisma' quddiesa fid-dar tagħha għall-ħabta ta' 10.30 a.m., meta, waqt il-konsagrazzjoni, hi kellha viżjoni ta' Ġesù u semgħet leħnu jilmenta mill-kwantità ta' tqarbin sagrilegu li qed isir kemm f'Malta u kemm fid-dinja kollha.

Fit-8 ta' Ġunju kellha ssir laqgħa ta' talb u bħassoltu tqassmu il-posters. Imma din id-darba, il-posters kellhom avviż li kien jgħid li l-Madonna kellha Messaġġ speċjali x'tagħti dakinhar tal-laqgħa.

Ġuża kienet taf x'kien se jsir waqt il-laqgħa iżda ma qalet lil ħadd. Bagħtet għar-reporters tal-gazzetti "għax kien se jkun hemm messaġġ speċjali". Reporters ta' gazzetta waħda biss telgħu.

**Il-Fenomeni tax-xemx**

Wasal it-8 ta' Ġunju: it-temp kien mill-agħar. Sema mgħotti bi sħab iswed sa minn filgħodu kmieni. Ħafna nies qatgħu qalbhom u ma marrux għal-laqgħa. Fil-5.45 p.m. waslet Ġuża; ħadet posta bħassoltu u l-laqgħa bdiet. Imma Ġuża din id-darba ma tkellmitx, għax il-folla ta' xi tliet mitt ruħ, dlonk daret lejn ix-xemx għax bdiet xena ta' sbuħija li ħallietna bla nifs. Bdew muvimenti u tibdil fis-sura tax-xemx. Ħafna rawha issa tikber, issa tiċkien, iddur u tbiddel il-lewn tagħha. Dehra l-aktar impressjonanti kienet meta s-sħab inferaq quddiem ix-xemx u s-sema ħa forma ta' raġġiera bix-xemx fiċ-ċentru tagħha, waqt li lwien inferxu fuq il-wied u n-nies li kien hemm għal-laqgħa. Dehru figuri fix-xemx u madwarha li kollha

kellhom x'jaqsmu ma' l-Ewkaristija. Infatti għal xi ħin, ix-xemx dehret mgħottija minn Ostja kbira b'ċirku jleqq tal-fidda fix-xifer tagħha. Dak il-ħin stess instema' l-leħen ta' Ġuża jgħid "Qed nara l-Ewkaristija fix-xemx". Fil-għoli, fuq rasna, is-sħab inferaq taħt forma ta' raġġi twal ta' tajjar, kollha fid-direzzjoni tax-xemx".

Biex tagħti stampa ċara ta' dak kollu li ġara jeħtieġ kitba fit-tul, ħaġa li ma nistgħux nagħmlu f'dan il-fuljett. Imma dettalji oħra tistgħu ssibuhom fit-Tieni Ktieb ta' Dr. Sylvana Spiteri, paġna 43.

Wara din il-ġrajja dehru rapporti f'gazzetti lokali li ħawdu ħafna nies. Għalhekk ħafna stennew li l-Awtoritajiet jagħmlu nkjesta serja u bla preġudizzju. Jisgħobina li din għadha ma saritx. Imma it-8 ta' Ġunju jibqa' fl-istorja tal-Girgenti u ta' Malta bħala l-ewwel fenomenu li qatt ma rajna bħalu f'pajjiżna waqt laqgħa ta' talb u li tiegħu kien hemm xiehda mijiet ta' nies.

**Il-5 ta' Lulju 1988**

Il-Ħadd, 3 ta' Lulju, gazzetta lokali kompliet tħawwad l-imħuħ u xewxet in-nies biex ma titlax il-Girgenti fil-5 ta' Lulju, għal-laqgħa ta' talb li kien imiss. Infatti xi ftit beżgħu jitilgħu imma folla kbira stmerriet il-gideb tal-gazzetta u telgħet tisma' 'l Ġuża. Minn naħa tagħha l-Madonna ppremjat dawk preżenti b'fenomenu tax-xemx ieħor.

Kulħadd seta' jitpaxxa jħares lejn ix-xemx tiddi f'sema bla ebda sħaba, mingħajr inkonvenjenza; u dan għal aktar minn 45 minuta! Waqt dan il-ħin aħna rajna kuluri jinfirxu fuq in-nies, issa isfar, issa ċelesti...

Xi wħud li m'attendewx għal-laqgħa ta' Ġunju, qalu li raw sinjali fix-xemx bħal dawk li konna rajna aħna xahar qabel.

**Ħsara fl-għajnejn**

Gazzetta oħra ftit wara dawn il-fenomeni straordinarji, ippubblikat rapport ta' tabib li qal li xi nies marru għandu bi ħsara f'għajnejhom wara li kienu ħarsu lejn ix-xemx.

Aħna ċerti li mijiet kbar li ħarsu lejn ix-xemx "waqt il-fenomenu" ma kellhom l-ebda ħsara; imma min kien imprudenti u ried jara fenomenu meta ma kienx hemm, seta' kkaġuna ħsara f'għajnejh! Dan bl-ebda mod ma jiċħad li l-fenomeni seħħew!....Anzi, il-fatt li mijiet ħarsu lejn ix-xemx għal aktar minn tliet kwarti ta' siegħa u ma kellhom ebda ħsara f'għajnejhom jikkonferma li l-fenomeni ma kinux "alluċinazzjoni"...

## Grazzji Maqlugħa

**FEJQAN TA' TIFEL, JAMES AQUILINA, FL-1985.**

Din hija l-istorja, fil-qosor, meħuda mir-rapport li għamlet Mary Aquilina f'Awissu 1985, tal-fejqan tat-tifel tagħha, James, li twieled fit-23 ta' Novembru 1982.

Ta' erba' xhur it-tifel marad. Wara ħafna testijiet mit-tobba l-isptar, ġie kkonfermat li James kien ibati mill-marda magħrufa bħala "Celiac Desease". Għalhekk it-tifel ma setax jiekol ikel normali u speċjalment fejn jidħol id-dqiq. It-tobba wissew lil omm James li t-tifel kellu joqgħod għad-dieta li tawh huma u li ikel ieħor kien iġib il-mewt tiegħu; qalulha wkoll li t-tifel ma kienx se jfiq minn dik il-marda.

Marija ma qatgħetx qalbha għax hija w żewġha kellhom fiduċja sħiħa f'Alla u fil-Madonna. Marija saret taf b'Ġuża Mifsud li kienet toqgħod fl-istess raħal tagħha, is-Siġġiewi, u fit-12 ta' Ġunju 1985 marret għandha biex tkellimha. Sabet ħafna nies għandha imma mill-ewwel Ġuża qaltilha: "Ersaq 'l hawn!" Marija bdiet tolfoq iżda Ġuża kompliet tgħidilha: "Oħt, tibki xejn; dan il-biki jrid jispiċċa. Dan it-tifel m'għandu xejn u se nagħtih jiekol, għax hekk qegħda nħoss. Għall-Madonna xejn mhu impossibbli." Ġuża tatu biċċa ċikkulata u t-tifel kielha, u kollox mar tajjeb. L-għada Marija reġgħet marret għand Ġuża u din tat biċċa "pane di spanja" lit-tifel li kielha u ma ġralu xejn.

Minn dakinhar 'il quddiem Marija kompliet titma lit-tifel kif kienet qaltilha Ġuża, jiġifieri ikel kif nieklu aħna s-soltu. Mhux biss it-tifel ma marx ħażin iżda kompla ġej 'il quddiem, kontra kull tbassir tat-tobba u dak li wieħed kien jistenna mill-marda li kellu t-tifel.

Ġuża talbet ħafna 'l Madonna għall-fejqan tiegħu u dejjem inkoraġġiet lil Marija biex ma taqtax qalbha waqt li tennitilha, kemm-il darba, li James kien imfejjaq. Għaddew disa' ġimgħat u t-tifel baqa' ġej 'il quddiem jiekol minn kollox u ma juri l-ebda sintomu ta' mard.

Fir-rapport twil tagħha, omm James tħeġġeġ lil kulħadd biex min għandu mard kemm tal-ġisem u kemm tar-ruħ jirrikorri għand il-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex jikseb il-fejqan kemm tal-ġisem kemm tar-ruħ.

---

Ibagħtu l-korrispondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: "Leħen il-Girgenti"
c/o 16 St. James Str.,
Siġġiewi.

## MA NIŻOLAWX IL-GIRGENTI – 2

Wara l-1920 ir-rapporti ta' dehriet bdew jiżdiedu. Tant kiber in-numru tagħhom li l-impressjoni li wieħed jieħu meta jikkunsidra l-messaġġi li l-Madonna riedet twassal lil dinja li abbandunat lil Alla, hi li din id-dinja tinsab fil-periklu.

Talb, sawm, penitenza, sinjali straordinarji bħal dmugħ, jew qtar ta' żejt mirakoluż jew ta' demm, minn statwi jew xbihat tal-Madonna u saħansitra sinjali fix-xemx bħal dawk ta' Fatima (u dawk li rajna aħna stess il-Girgenti, sentejn ilu), dan kollu juri l-urġenza li riedet tfisser il-Madonna fit-twissijiet tagħha lil uliedha fid-dinja kollha.

Infatti ir-rapporti ta' dehriet jew kuntatti tal-Madonna waslu mid-dinja kollha (kif għad naraw 'il quddiem). Biżżejjed ngħidu li wara l-1920, sal-1975 kien hemm aktar minn 232 rapport. M'aħniex ngħidu li dawn kienu kollha awtentiċi. Dawn l-aħħar tnax-il sena kien hemm ħafna oħrajn li ser insemmu fil-ħarġa li jmiss.

Imma x'attitudini ħadet il-Knisja (ta' Ruma) lejn dawn il-ħafna rapporti? – Għandna nifhmu, l-ewwelnett, li d-dehriet u l-fenomeni m'għandhom qatt jieħdu post il-Maġisteru tal-Knisja. Għalhekk għal bosta snin, taħt il-Kardinal Ottavjani, tas-Sant Uffiċċju, ir-rapporti ta' dawn il-fenomeni straordinarji ġew iwarrbin għal kollox, għax il-Knisja ħadet attitudni "ripressiva". Kien taħt il-Pontifikat ta' Ġwanni Pawlu II, mill-1980 'l hawn, li l-Knisja saret aktar komprensiva. Imma wara l-approvazzjoni tad-dehriet ta' Baurain u Banneux, fil-Belġju, (1932-1933), ma sarux approvazzjonijiet oħra, ħlief, forsi, xi eċċezzjoni lokali.

Għaliex dan? – Żgur li mhux għaliex mhemmx dehriet u fenomeni awtentiċi; imma, għax il-Knisja llum tagħti aktar importanza lill-ħidma pastorali tal-folla li tattendi għal-laqgħat fil-post tad-dehriet u tippermetti l-KULT f'dawn il-postijiet jekk tara s-serjetà u kredibilità f'dawn il-ġrajjiet. L-awtoritajiet jieħdu ħafna żmien biex jeżaminaw il-fatti. Dan id-dewmien ma jfissirx li d-dehriet mhumiex awtentiċi jew li ma seħħewx. Meta jkun hemm xi dubbju u deċiżjoni finali ma tkunx possibbli, la favur u lanqas kontra, il-Knisja tħalli kollox jimxi b'manjiera naturali mingħajr indħil minnha.

Aħna x'għandna nagħmlu? – Għandna nistennew b'sabar nisrani waqt li nitolbu lill-Awtoritajiet tagħna biex jgħinuna ngħixu l-messaġġi tal-Madonna tal-

*ikompli - Konsagrazzjoni*